MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2995/2002

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance plc, f'isimha proprju u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha M.Demajo (Timbers) Limited u b'nota tat-13 ta' Mejju, 2004 is-socjeta' Atlas Insurance Limited bhala cessjoranja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera AXA Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha M. Demajo (Timbers) Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance plc**

**vs**

**The Cargo Handling Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fis-16 ta' Dicembru, 2002 fejn is-socjeta' attrici**

**qed titlob il-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghar-risarciment ta' danni fl-ammont komplessiv ta' tliet mija tlieta u erbghin lira tlieta u tmenin centezmu (Lm343.83) in kwantu ghal tmienja u tletin lira (Lm38) li nkorriet "de proprio" bhala "survey fees" u in kwantu ghal tliet mija u hames liri tlieta u tmenin centezmu (Lm305.83) li sborsat a favur l-assikurat taghha M. Demajo (Timbers) Limited bhala indennizz wara li din garrbet hsara f'erbgha u ghoxrin "panels" ta' injam "pine" li kienu jaghmlu parti minn konsenja ta' disgha u ghoxrin (29) "bundles" li waslet Malta fit-8 ta' Lulju, 2002 fuq il-bastiment "MV Carinthia", ghal liema hlas ta' Lm305.83 is-socjeta' attrici noe kienet debitament surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha, ghal liema hsara kienet responsabbli s-socjeta' konvenuta.**

**Oltre d-danni, s-socjeta' konvenuta ghandha thallas l-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fit-23 ta' Jannar, 2003, fejn intqal:**

**1. Illi jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati nuqqasijiet sehhew waqt li l-merkanzija de quo kienet taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess merkanzija giet konsenjata lilha minghajr l-istess nuqqasijiet.**
**2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;**
**3. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;**
**4. Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Sema' x-xhieda ta' Carmel Anastasi, Albert Tedesco, Peter Bonello, PS 78 Joseph Cremona, Louise Pace.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Is-socjeta' attrici stitwiet din il-kawza sabiex tithallas l-ammont li sbursat ghall-assikurat taghha M. Demajo (Timbers) Limited ghal hsarat ta' erba' u ghoxrin panel ta' injam pine li wasal Malta fit-8 ta' Lulju, 2002 fuq il-bastiment M.V. Carinthia. Is-socjeta' attrici qed tallega li s-socjeta' konvenuta kienet responsabbli ghal hsarat.**

**2. Is-socjeta' konvenuta qed tichad ir-responsabbilta' ta' dak li gara.**

**3. Carmel Anastasi ghal MMS Limited agenti ta' l-M.V. Carinthia xehed li kienu nkarigati li jgorru konsenja njam destintata ghal M.Demajo Limited. Il-polza ta' karigu tindika li meta tghabbiet il-merkanzija ma kienx hemm danni u fil-fatt il-polza ta' karigu Dok CA 12 (Dok MD 1) hemm innuntat *clean on board*.**

**4. Mit-tally sheets ta' l-MMS Limited Dok CA 1 sa CA 9 jirrizulta li l-merkanzija meta nhattet Malta ma kellhiex danni fil-mument ta' l-izbark. Minn hemm hadu in konsenja l-merkanzija s-socjeta' konvenuta.**

**5. Albert Tedesco ghas-socjeta' M.Demajo Timbers qal li MMS baghtulhom in-notice of arrival. Meta marru hadu konsenja tal-merkanzija sabu wiehed mill-bundles kien miftuh u kien hemm cirka ghoxrin panel danneggjati.**

**6. Il-gate pass out Dok MD 13 sa MD 15 jindika bic-car li d-danni gew riskontrati meta l-merkanzija kienet qed tigi rilaxxata mid-dwana, u l-merkanzija kienet qed tghaddi ghal ghand l-importatur.**

**7. Ghalkemm il-joint tally Dok PB, maghmula mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta u rapprezentant tas-socjeta' MMS Limited hemm indikat li bundle minnhom kien loose, f'dak il-mument ma gewx riskontrati danni.**

**8. Ghalhekk jirrizulta li meta l-agenti ghabbew il-merkanzija fuq il-vapur ma kienx hemm danni u dana huwa evidenti mill-clean bill of lading. Jirrizulta illi meta waslet il-merkanzija u qabel ma ghaddiet fil-kustodja tas-socjeta' konvenuta sar joint tally u ma**

**gewx riskontrati danni. Kien biss meta s-socjeta' konvenuta kkonsenjat il-merkanzija lill-M. Demajo Timbers li giet riskontrata l-hsara. Ghalhekk hija s-socjeta' konvenuta li ghandha taghmel tajjeb ghad-danni.**

**9. Ghandu jinghad pero' li l-*gate pass out* Dok PS 13 jindika li kien hemm ghoxrin panel danneggjati u mhux erba' u ghoxrin panel kif instab wara. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghandha taghmel tajjeb biss ghal ghoxrin panel. It-Tribunal qed jillikwida d-danni dovuti mis-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' mitejn sitta u tmenin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm286.52).**

**Ghaldaqstant peress illi s-socjeta' konvenuta kienet in parti responsabbil ghall-hsarat imsemmija kif fuq inghad, jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn sitta u tmenin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm286.52), bl-imghax dekorribbli mil-lum sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopporatati nterament mis-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------